**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna B.A. LL.D.**

**Illum, 7 ta' Lulju 2000**

**Rikors Nru: 22B/97**

**Paul Bugeja u martu Grace ghal kull interess li ghandha**

**vs**

**Joseph Camilleri**

Ic-"Chairman" tal-Bord,

Ra ir-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ippremettew illi huma jikru lill-intimat raba maghrufa bhala 'Tax-Xaghra', hdejn il-Fortizza ta' Bubaqra, Zurrieq versu l-qbiela ta' hames liri Maltin (Lm5) fis-sena li jaghlqu f'Santa Marija.

Illi huma ghandhom bzonn li jirriprendu il-pussess tal-istess raba biex ikunu jistghu jahdmuh huma u membri tal-familja taghhom.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzhom li jirriprendu l-imsemmi raba u li jipprefiggi lill-intimat zmien qasir u perentorju biex jizgombra mill-istess.

Bl-ispejjez.

Ra ir-risposta (a fol 4 tal-atti) li biha l-intimat bil-qima qal:-

Illi fl-ewwel lok ir-rikors promotur huwa null peress li ma jezistix Bord li Jirregola t-Tigdid tal-Kiri tar-Raba u ghalhekk l-intimat ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi l-kera tiskadi f'Santa Maria  u cioe' fil-15 ta' Awissu 1997; issa l-ligi tesigi li r-rikors ghar-ripresa ghandu jigi prezentat sa mhux aktar tard minn tlett (3) xhur qabel tiskadi l-kera. Ir-rikors odjern gie prezentat fl-14 ta' Awissu 1997, kwindi huwa ghal kollox irritwali u null peress li sar bi ksur ta' dak li jikkomina l-proviso ta' l-artikolu 4(1) ta' l-Att XVI tal-1967 u kwindi ghandu jigi rigettat;

Illi di piu' l-azzjoni hija nsostenibli ghall-ahhar peress li kif jirrizulta mill-annessa ricevuta, r-rikorrent diga' accetta l-kera tas-sena kurrenti - u anke' a bazi ta' dan ghandhom jigu respinti t-talbiet tar-rikorrent (ara dok. PB1);

Illi fil-mertu, l-bzonn ta' l-intimat huwa hafna akbar minn dak tar-rikorrent.

Kif ukoll id-dokument anness maghha a fol 5 tal-atti u markat <u>Dok. PB1.</u>

Ra it-talba tar-rikorrenti a fol 8 tal-process li biha talab is-segwenti korrezzjoni:
"Illi fin-nomenklatura tal-Bord li jirregola it-tigdid tal-kiri tar-raba ghandha tigi korretta fis-sens li jitnizzel: Fil-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba" kif ukoll in-nuqqas ta' oppozizzjoni ghall-istess talba oltre id-digriet moghti fl-1 ta' Lulju 1998 relattivament ghall-istess talba (ara fol 10 ibid).

<u>Ikkunsidra</u>

Illi f'dan l-istadju ser tigi deciza it-tieni eccezzjoni skond l-imsemmija risposta stante li l-ewwel eccezzjoni di gja' giet deciza u sorvolata u stante li trattasi ta' eccezzjoni ta' natura preliminari u legali.

Illi l-istess eccezzjoni tghid testwalment,

"Illi l-kera tiskadi f'Santa Marija u cioe' fil-15 ta' Awissu 1997, issa l-ligi tesigi li r-rikors ghar-ripresa ghandu jigi prezentat sa mhux aktar tard minn tlett (3) xhur qabel tiskadi l-kera. Ir-rikors odjern gie prezentat fl-14 ta' Awissu 1997, kwindi huwa ghal kollox irritwali u null peress li sar bi ksur ta' dak li jikkomina l-proviso ta' l-artikolu 4(1) ta' l-Att XVI tal-1967 u kwindi ghandu jigi rigettat.

Illi fl-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta gja Att XVI tal-1967, jinghad "... he shall apply to the Board by means of an application ... filed not later than three months before the date in which the current lease terminates".

Illi bhala fatt, jidher mill-istess rikors promotur illi l-qbiela ta' Lm5 fis-sena jiskadi "f'Santa Marija" u illi l-istess rikors gie intavolat fl-14 ta' Lulju 1997 ossija xahar qabel l-iskadenza tal-qbiela ghas-sena 1997.

Illi l-artikolu hawn fuq citat, jimponi b'mod tassattiv u perentorju, it-terminu hemm specifikat ghall-presentata tar-rikors promotur u b'hekk jidher car u evidenti li t-tieni eccezzjoni ghandha tigi akkolta minghajr il-htiega li tigi kunsiderata t-tielet eccezzjoni b'referenza ghall-ircevuta esebita mal-atti bhala Dok. PB1.

Ghaldaqstant jilqa' t-tieni eccezzjoni u jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Alan Calleja
Dep.Reg.